# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2024**

**Numru 2**

**Rikors numru 462/2010/1 TA**

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**Gozo Caterers Limited bħala debitur prinċipali u Amalia Cefai bħala garanti solidali u b'digriet tal-4 ta' Ottubru 2012 l-atti tal-kawża għaddew mill-persuna tal-intimata Amelia Cefai f'dik tal-intimat Dr Emanuel George Cefai**

**Il-Qorti**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar l-20 ta' Jannar 2020 fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet u laqgħet it-talbiet tal-Bank rikorrent u kkundanat lill-konvenuti sabiex *in solidum* iħallsu lill-Bank is-somma ta'

erbatax-il elf, tmien mija sitta u tletin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€14,836.84), bl-imgħax legali mit-13 t'April 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

**Daħla**

2. Il-Bank rikorrent, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fis-6 ta' Mejju 2010, talab lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum iħallsu s-somma ta' erbatax-il elf, tmien mija sitta u tletin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€14,836.84) inkluż interessi kkalkulati sat-12 ta' April 2010, u dan skont *statement of account* datat it-12 ta' April 2010[1], u imgħaxijiet ulterjuri mit-13 ta' April 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

3. Il-Bank ressaq din it-talba abbażi tas-segwenti premessi:

> *"Illi l-Bank rikorrenti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Eugene Montanaro li jġib id-data tal-għaxra (10) ta' Jannar, tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) li kopja legali tiegħu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" ikkonċeda lis-soċjeta intimata Gozo Caterers Limited faċilità ta' self u in forza ta' din il-faċilità l-imsemmija soċjeta intimata ssellfet flus mingħand il-Bank rikorrenti u għandha debitu bilanċjali favur l-istess Bank rikorrenti ta' erbatax-il elf, tmien mija sitta u tletin punt tmienja erbgħa Ewro (€14,836.84) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sat-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010), oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u għaxra (2010) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantiet il-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka ġenerali fuq ħwejjiġha kollha preżenti u futuri, kif ukoll ipoteka speċjali u privileġġ speċjali fuq il-proprjeta f'Għawdex skond kif aħjar deskritt fl-imsemmi kuntratt;*
>
> *Illi permezz ta' skrittura privata li ġġib id-data tal-għaxra (10) ta' Jannar*

[1] *Fol. 18*

*elf disa mija ħamsa u disgħin (1995) li kopja awtentikata hija hawn annessa u mmarkata Dok "C" l-intimata Amalia Cefai kienet iggarantiet (flimkien ma żewġha, illum mejjet) il-ħlas lura ta' dan id-debitu sa l-ammont ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000) illum ekwivalenti għal disgħa u sittin elf tmien mija wieħed u tmenin punt tnejn zero Ewro (€69,881.20);*

*Illi l-intimati naqsu milli jagħmlu l-pagamenti akkont skond kif pattwit;*

*Illi għalkemm interpellati sabiex iħallsu dan id-debitu anke uffiċjalment, l-intimati baqgħu inadempjenti;*

4. Il-konvenuti ressqu s-segwenti risposta ġuramentata:

*"1. Illi l-azzjoni odjerna hi irrita u nulla in kwantu hija intempestiva.*
*2. Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi Amalia Cefai topponi ruħha għall-fatt illi l-kawża saret fil-konfront tagħha wkoll, u dan b'mod innEċessarju u insolitu u għalhekk irregolari u diskriminatorju, u għaldaqstant titlob il-liberazzjoni pjena mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*3. Illi s-somma pretiża mill-Bank hi esaġerata u mhix realment dovuta u għalhekk id-debitu pretiż la hu ċert, la hu likwidu, u lanqas dovut kif pretiż mill-attriċi; u għaldaqstant ukoll element vitali għall-korrettezza u validita` tal-azzjoni tal-attriċi hi mankanti, u kwindi ukoll l-azzjoni intentata mis-soċjeta` attriċi hi għalhekk ukoll nulla, irrita u bla effett.*

*4. Illi m'hemmx qbil fuq l-ammont dovut stante li tul dawn l-aħħar snin saru pagamenti lill-Bank b'mod kontinwu u diversi drabi b'mod massiv.*

*5. Illi meta titqies il-prassi bankarja, u ċ-ċirkostanzi tal-każ, l-azzjoni tal-Bank hi diskriminatorja fil-konfront ta' l-esponenti, u għalhekk irrita u nulla.*

*6. Ill bla ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-imgħaxijiet u/jew ħlasijiet oħrajn mitlubin mill-Bank huma esaġerati u mhux ġustifikati.*

*7. Illi fi kwalsiasi każ – u bla preġudizzju għal fuq imsemmi – l-azzjoni tal-Bank hi sproporzjonata u mhux neċessarja – kunsiderati l-garanziji li għandu Bank.*

*8. Illi l-azzjoni kif intentata mill-Bank hi anormali, vessatorja u mhux ġuridikament sostenibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ u tista tfixkel lill-kumpannija milli tal-inqas 'in parte' tittutela l-posizzjoni tagħha.*

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti decide:

*Tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom iħallsu lill-Bank Attur is-somma ta' erbatax-il elf, tmien mija sitta u tletin punt tmienja erbgħa Ewro (€14,836.84), bl-imgħax legali mit-13 t' April 2010 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Konvenuti.*

*L-ispejjeż tal-kawża, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Frar 2010, jitħallsu mill-Konvenuti insolidum bejniethom.*

6. Il-konvenuti (minn issa 'l quddiem l-appellanti) ressqu appell nhar is-6 ta' Frar 2020. Il-Bank rikorrent (minn issa 'l quddiem l-Bank appellat) ressaq risposta nhar il-21 ta' Frar 2020. L-appellanti resqu tmien aggravji: (i) *Audi Alteram Partem* (ii) L-intempestività (iii) Ammont akkordat mingħajr verifika (iv) Diskriminazzjoni (v) Esaġerazzjoni tal-kontijiet (vi) *Ultra Duplum* (vii) Il-Qorti ma qisitix sew is-sigurtà mogħtija lill-bank mill-appellanti (viii) Il-Garanzija tal-garanti mhux neċessarja.

**Fatti**

7. Din il-Qorti rat ix-xhieda u dokumenti preżentati. Rat illi Gozo Caterers Limited ħadet faċilità ta' self nhar l-10 ta' Jannar 1995[2] permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Eugene Montanaro liema self kien intiż sabiex: "*…to be used as finance in connection with the development and/or finishing of apartments in Gozo."*[3]. Illi s-self kellu jkun ta' tletin elf Lira Maltin (Lm30,000). Għall-faċilità ta' self is-soċjetà appellanta tat bħala

[2] *Fol. 4 et. seq.*
[3] *Fol. 6*

garanzija: (i) ipoteka ġenerali fuq diversi proprjetà preżenti u futuri (ii) privileġġ speċjali u ipoteka speċjali fuq diversi proprjetà ġewwa Għawdex.

8. Amalia Cefai, flimkien ma' żewġha llum it-tnejn mejtin, daħlu garanti ta' dan id-debitu sal-ammont ta' tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) ossia €69,881.20, *in solidum* mas-soċjetà appellanta. Huma kkuntrattaw favur il-Bank appellat li *"..jointly and severally with the Principal guarantee to you the payment of and undertake on demand in writing made on the undersigned by you or any of your Directors, Managers or acting Managers to pay to you all sums of money which may now be or which hereafter may from time to time become due or owing to you…".* Permezz ta' skrittura privata datata l-10 ta' Jannar 1995[4]. Illi permezz ta' din l-iskrittura ġie miftiehem, fost affarijiet oħra, illi *"2. The Guarantee is to be a continuing security for the whole amount now due or owing to you or which may hereafter at any time become due or owing to you as aforesaid by the Principal (including any further advances made by you to the Principal during the three calendar months' period next hereinafter referred to and all interest and bank charges on and in connection with such further advances). Provided always that the total amount recoverable hereon shall not exceed the sum of LM 30,000 (Thirty Thousand Maltese Liri)".*

[4] *Fol. 19 et. seq.*

9. Skont *statement* tal-Bank rikorrent datat it-12 ta' April 2010[5], l-appellanti jafu lill-Bank appellat is-somma ta' erbatax-il elf, tmien mija sitta u tletin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€14,836.84) inkluż interessi kkalkulati sat-12 ta' April 2010, li kienu jammontaw għall- wieħed u ħamsin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€51.75).

10. Tressaq rendikont dettaljat tal-kont tas-soċjetà appellanta li turi d-dejn, l-ħlasijiet u bilanċ mill-1 ta' Frar tas-sena 1995 sal-24 ta' Jannar 2011[6]. Dan ir-rendikont reġa' tressaq minn rappreżentanta tal-Bank appellat sabiex jinkludi dettalji relatati mal-miżati li ġew mitluba matul is-snin u spjega tal-istess[7]. Tressaq ukoll rendikont datat 3 ta' Frar 1996 b'elenku tal-ammonti mitlubin lill-bank mis-soċjetà appellanta u liema ammonti kienu jiġu mħallsa lill-fornituri tas-soċjetà appellanta u jitnaqqsu mill-ammont ta' self disponnibli ta' tletin elf Lira Maltin (Lm30,000)[8].

11. Fl-affidavit tagħha Christine Pirotta, li kienet tokkupa l-grad ta' *manager* tal-Bank rikorrent, provdiet *timeline* ta' komunikazzjoni pertinenti li saret mas-soċjetà appellanta. Jidher li bejn l-1996 u l-2009 is-soċjetà appellanta talbet għall-estenzjonijiet, *moratorium* u *rescheduling* tal-faċilità sabiex tingħata żmien tħallas lura lill-Bank appellat[9] u li dan sar diversi drabi.

[5] *Fol. 18*
[6] *Fol. 51 et. seq.*
[7] *Fol. 149 et. seq.*
[8] *Fol. 58 et. seq.*
[9] *Fol 37 et. seq.*

12. Din il-Qorti rat li tressqet korrispondenza fir-rigward ta' talbiet ta' ħlas li s-soċjetà appellanta bagħtet lill-Bank appellat sabiex dan joħroġ pagamenti lill-terzi, u kif ukoll rendikont tal-istess[10]. Rat li għaddiet korrispondenza bejn il-partijiet sabiex is-soċjetà appellanta tersaq għall-ħlas[11][12]. Rat ukoll korrispondenza fejn is-soċjetà appellanta saħqet illi kienet ser tagħmel pagamenti u li kellha bżonn aktar żmien. Intalab ukoll mill-bank appellat illi jsir il-ħlas tal-bilanċ kollu sat-30 t'April 2008[13]. F'din il-korrispondenza jingħad ukoll illi l-faċilità ta' self skadiet f'April tas-sena 2008 u l-Bank appellat kien qed jitlob lis-soċjetà appellanta tipprovdi dokumentazzjoni sabiex formalment tiġi estiża l-faċilità ta' self[14] u jsir pagament minimum. Is-soċjetà appellanta rrispondiet li kienet f'sitwazzjoni diffiċli u ma setgħetx tagħmel ħlasijiet. Il-Bank rikorrent talab anke li ssir kostituzzjoni ta' debitu mis-soċjetà appellanta[15].

13. Fir-rigward tal-imgħaxijiet, fix-xhieda *viva voce* tagħha Christine Pirotta qalet illi l-interessi kienu jiġu komputati kull tliet xhur sakemm ma kienx hemm ftehim ieħor u ntalbet ukoll tispjega ċertu miżati li kienu ġew mitluba u mniżżla fl-i*statement*[16]. Skont *sanction letter* datata l-14 ta' Diċembru 1994, l-interessi kellhom jiġu kkalkulati fuq is-self bir-rata ta'

[10] *Fol. 59 et seq.*
[11] *Fol. 42 sa Fol. 46*
[12] *Fol. 162 sa Fol.190*
[13] *Fol. 166*
[14] *Fol. 174*
[15] *Fol. 189*
[16] *Fol. 143 et. seq.* u Fol. *195*

3.5%[17].

14. Fix-xhieda tiegħu Mark Gauci, *manager* fi ħdan il-Bank appellat, qal illi meta tinbidel ir-rata ta' imgħax tinħareġ ittra u l-klijent jiġi nfurmat[18]. Xehed ukoll illi ma kinux qed jaslu mas-soċjetà appellanta u wara ddeċidew li jagħmlu *call in* għax il-ftehim ma kienx qed jiġi onorat. Fir-rigward tal-imgħaxijiet xehed illi s-sistema tikkalkula l-imgħax on a *daily basis* u f'każ li jiddaħħal depożitu s-sistema tikkalkula l-imgħax fuq l-ammont imnaqqas. Ix-xhud Philip Saliba bħala rappreżentant tal-Bank xehed illi l-imgħax jiġi kkalkulat kull ġurnata fuq il-kapital u l-imgħax jiġi kkapitalizzat[19].

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*L-ewwel aggravju*

15. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellanti jisħqu li ġie leż id-dritt tagħhom ta' *audi alteram partem* u dan għaliex ma setgħux iressqu x-xhieda kollha mniżżla fil-lista ta' xhieda mressqa minnhom. Illi dan l-ilment ġie mressaq *stante* li fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru 2011, il-provi ġew iddikjarati magħluqa mill-Ewwel Qorti avolja l-appellanti, *tramite* d-

[17] *Fol. 199 et. seq.*
[18] *Fol. 202 et. seq.*
[19] *Fol. 216*

difensur tagħhom, talbu seduta oħra sabiex ikunu jistgħu jagħlqu l-provi tagħhom. Id-difensur tal-Bank appellat opponiet għall-dan minħabba li dik is-seduta tat-30 ta' Novembru 2011, kienet intiża għall-għeluq tal-provi u l-Ewwel Qorti qablet u għaddiet biex tagħlaq l-istess provi. Jgħidu b'hekk li d-deċiżjoni hi nulla u bla effett.

16. Il-Bank appellat iwieġeb billi jgħid illi l-appellanti ngħataw kull opportunità jressqu l-provi tagħhom u li l-appellat dejjem ikkoopera biex iressaq dawk id-dokumenti u xhieda mitluba.

17. F'dan il-każ din il-Qorti tqis illi l-appellanti kellhom diversi seduti intiżi sabiex iressqu l-provi tagħhom. Dawn is-seduti ġew utilizzati mill-appellanti sabiex isiru mistoqsijiet fuq il-kontenut tal-i*statement* tal-kont tas-soċjetà appellanta:

a. Seduta tal-10 ta' Novembru 2010 – kontro-eżami ta' Philip Saliba in rappreżentanza tal-bank;

b. Seduta tat-22 ta' Frar 2011 – xhieda ta' Christine Pirotta in rappreżentanza tal-bank;

c. Seduta tat-8 ta' Ġunju 2011 – xhieda ta' Christine Pirotta in rappreżentenza tal-bank;

d. Seduta tal-5 ta' Ottubru 2011 – xhieda ta' Christine Pirotta in rappreżentenza tal-bank;

e. Seduta tat-30 ta' Novembru 2011 - xhieda ta' Mark Gauci u Philip

Saliba, in rappreżentenza tal-bank.

18. Din il-Qorti tikkonsidra li għalkemm fil-verbal tal-5 ta' Ottubru 2011[20] hemm imniżżel li s-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 kienet ser tkun għall-kontinwazzjoni tal-provi jidher li dik is-seduta kienet fil-fatt intiża għall-għeluq tal-provi, u dan kif ġie ppuntwalizzat kemm mid-difensur tal-Bank appellat[21] u kemm mill-Qorti waqt ix-xhieda ta' Mark Gauci[22]. Illi l-appellanti talbu seduta oħra sabiex jingħalqu l-provi min-naħa tagħhom madankollu ma hemm imniżżla l-ebda kontestazzjoni mill-appellanti li dik is-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 ma kinitx infatti intiża għall-għeluq tal-provi.

19. Tqis illi huwa minnu illi parti f'kawża għandha jkollha l-opportunità li tressaq kwalunkwe prova neċessarja li jidher lilha iżda dan irid isir mingħajr delungar bla bżonn, skont kif miftiehem mal-partijiet waqt is-seduti u aktar minn hekk mal-ordni tal-Qorti. Issa f'dal-każ donnu li l-appellanti jridu jagħtu l-impressjoni illi ma ngħatawx ċans iressqu provi, infatti fil-kumplament tal-appell dan l-ilment jiġi mressaq diversi drabi. Din il-Qorti ma taqbilx u ma tistax tifhem kif l-appellanti, *tramite* d-difensur tagħhom, donnhom jagħtu x'jifhmu li ħallew kull prova għall-aħħar seduta. Ma hemm xejn in atti li juri li s-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 ma ġietx

---

[20] *Fol. 198*
[21] *Fol. 220*
[22] *Fol. 213*

miftehma bi qbil bejn il-partijiet u l-iskop li għaliha kienet miftehma anqas hija loġika li l-provi kollha li allegatament ma ġewx imressqa tul is-seduti preċedenti kienu ser jitressqu kollha f'seduta waħda jew oħrajn futuri, u dan meta l-appellanti kellhom ġia ħames seduti sabiex iressqu l-provi.

20. Tqis li f'dan l-istadju l-appellanti ressqu aggravju li huwa ssostanzjat biss bl-argument li ma resqux kull persuna mniżżla fil-lista ta' xhieda. Din il-Qorti ma tqisx li dan huwa biżżejjed biex jirreklamaw l-allegat ksur ta' *audi alteram partem*. Illi din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et**, deċiża nhar is-6 ta' Frar 2015 saħqet li:

> *15. Il-principju ta' audi alteram partem huwa principju tant fundamentali li huwa meqjus bhala wiehed ta' gustizzja naturali u ghalhekk implicitu f'kull procediment li fih trid tigi amministrata l-gustizzja. Dan il-principju jimplika li ebda persuna ma ghandha tigi ggudikata minghajr ma tinghata opportunita` xierqa li tipproduci x-xhieda taghha u twiegeb ghall-evidenza prodotta mill-parti kuntrarja. L-applikazzjoni ta' dan il-principju ghall-fatti konkreti ta' kaz jiddependi hafna min-natura tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg. Kif ritenut mill-Qrati Maltin, id-dritt tas-smiegh xieraq moghti lill-partijiet f'kawza jrid jinghata fit-termini tar-regoli tal-ligijiet procedurali li qeghdin hemm sabiex appuntu jassiguraw il-principju ta' audi alteram partem izda wkoll sabiex jassiguraw id-dritt fundamentali ta' kull litigant ghal process fi zmien ragjonevoli. Jekk dawn ir-regoli ta' procedura jigu injorati minn xi parti f'kawza l-konsegwenzi li jirrizultaw imputet sibi u mhumiex konsegwenza ta' xi ksur tal-principju audi alteram partem jew tad-dritt ghas-smiegh xieraq. Parti ma tistax l-ewwel ma tosservax ir-regoli ta' procedura u wara tilmenta li d-dritt taghha ghas-smiegh xieraq gie miksur.*
>
> *16. Mhuwiex nuqqas meta Qorti tghaddi ghas-sentenza f'kawza fejn il-parti turi non-kuranza u ma tidhirx biex iressaq il-provi taghha. Il-principju ta' audi alteram partem ma jfissirx bilfors li l-provi tal-parti inkwistjoni jridu jinstemghu, izda li l-parti tinghata l-opportunita` li tressaq il-provi. F'kull kaz, il-Qorti tara x'ikun fl-ahjar interess tal-gustizzja li jsir.*

21. Ingħad ukoll, minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-

ismijiet **Antonella Mizzi vs Jean Claude Micallef** deċiża nhar id-19 ta' Ottubru 2023, li f'ġudizzju mhuwiex assolutament meħtieġ li l-provi tal-konvenut jinstemgħu f'kull każ, terġa' u tgħid il-każ hawn ċitat kien wieħed ai termini tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12:

> *26. Għalkemm il-prinċipju ta' ġustizzja naturali tal-audi alteram partem, li jfisser li ebda persuna m'għandha tiġi ġudikata mingħajr ma tingħata l-opportunità li twieġeb għal dak li jkun qiegħed jingħad fil-konfront tagħha, huwa wieħed fundamentali, dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti ma ħaditx qies tal-argumenti mressqa mill-konvenut. Lanqas ifisser li l-Ewwel Qorti ma semgħetux jew ma tagħtux iċ-ċans li jiddefendi ruħu kontra l-allegazzjonijiet tal-attriċi.*
>
> *27. Fuq kollox, f'ġudizzju mhuwiex assolutament meħtieġ li l-provi tal-konvenut jinstemgħu f'kull każ. Mod ieħor, huwa biżżejjed li l-konvenut jingħata ċ-ċans li jidher u jressaq il-każ tiegħu. Kieku ma kienx hekk, ikun ifisser li sentenza fi proċeduri sommarji ma tista' tingħata qatt ħlief wara s-smigħ tal-provi tal-konvenut. Dan jista' jwassal biex il-konvenut jibqa' passiv jew jipprokrastina ruħu, bil-konsegwenza li kawża ma tingħalaq qatt bid-dispensa tas-smigħ (ara Fracht Malta Limited v. Mohamed Madkour mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022).*
>
> *28. Fil-każ tagħna, ladarba l-konvenut ma fissirx fid-dettall il-kontestazzjoni tiegħu, din il-Qorti temmen li l-Ewwel Qorti kienet siewja meta hija sabet li huwa ma kellux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet tal-attriċi u b'hekk għaddiet biex laqgħet it-talbiet tagħha.*

22. Konsegwentement, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

*It-tieni aggravju*

23. Permezz **tat-tieni aggravju** l-konvenuti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma apprezzatx biżżejjed kemm kienet intempestiva l-azzjoni li ressaq il-Bank appellat. Jgħidu illi bħala *public liability company* il-bank ma għandux diskrezzjoni jagħżel kontra min ser jieħu azzjoni ġudizzjarja u l-

fatt li l-Bank intavola din l-azzjoni hija turija ta' użu ħażin tad-diskrezzjoni. Li dan imur kontra d-dispositiv ġenerali tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ispirtu tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ċioé li kullħadd għandu jiġi trattat l-istess. Jargumenta li għan-norma kostituzzjonali kull norma oħra għandha tbaxxi rasha u dak li jmur kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa null u bla effett.

24. Jargumentaw illi meta l-Ewwel Qorti għalqet il-provi huma ma tħallewx iressqu xhieda u ma ngħatawx il-possibilità li jġibu dawk il-provi neċessarji rigward din l-eċċezzjoni. Jgħidu li l-Bank appellat waqqaf it-trattativi ħesrem u ressaq din il-kawża.

25. L-appellat jikkontesta dan u jisħaq li ntbagħtet korrispondenza fejn l-appellanti ġew mitluba jersqu għall-ħlas u li anke intbagħtet ittra interpellatorja ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħidu li anke jekk għall-grazzja tal-argument l-appellanti kellhom xi raġuni jopponu għall-xi *charges* jew interessi xorta waħda setgħu affettwaw ħlas ieħor flok komplew itawlu kif jidher li kienet l-intenzjoni tagħhom.

26. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *15. Fuq din l-eċċezzjoni tal-intempestività, l-Qorti fil-kawża Cefai Estates Limited fuq ċitata, żiedet tesprimi wkoll dan li ġej:*
>
> > *"Illi xieraq jingħad li f'eċċezzjoni bħal din, li hija ta' għamla dilatorja, il-piżtal-prova jaqa' fuq l-imħarrkin li jikkonvinċu lill-Qorti li l-azzjoni ma*

*saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li reus in excipiendo fit actor. Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li s-soltu jaqa' fuq Attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu (Ara P.A. 18.2.1965 fil-kawża fl-ismijiet Ricci vs Latzen(Kollez. Vol: XLIX.ii.745). Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għall-eċċezzjoni ta' intempestivita` huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkunpruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;*

*Illi fiċ-cirkostanzi ta' dan il-każ, l-eċċezzjoni tal-intempestivita` trid titqies id f'id mal-konsegwenza li din l-azzjoni ġġib magħha, jiġifieri it-telf mill-imħarrkin tal-benefiċċju taż-żmien;*

*Illi fir-rigward ta' dan ta' l-aħħar, il-prinċipju huwa li l-eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni sseħħ hekk kif il-partit intrabat biha. L-għoti ta' żmien lid-debitur tal-obbligazzjoni huwa għalhekk, eċċezzjoni għar-regola. Il-liġi ssemmi li jista' jsir qbil li l-obbligazzjoni titwettaq billi jingħata żmien (39 Art. 1070(1) tal-Kap. 16). Iż-żmien mogħti ma jissospendix l-obbligazzjoni, imma jdewwem biss l-eżekuzzjoni tagħha (Art. 1071 tal-Kap. 16), u sakemm ikun għaddej dak iż-żmien il-ħaġa li jmissha tingħata ma tistax tintalab qabel jagħlaq dak iż-żmien (Art. 1072 tal-Kap. 16), li huwa benefiċċju meqjus mogħti favur id-debitur tal-istess obbligazzjoni (Art. 1073 tal-Kap. 16). Dan il-benefiċċju jista' jingħata suġġett għal kundizzjonijiet li, hekk kif iseħħu jew xi waħda minnhom, iż-żmien mogħti jintilef. Il-liġi taħseb ukoll għat-telfien ta' benefiċċju bħal dan meta d-debitur ma jibqax solvibbli, jew iseħħ bdil fil-kundizzjoni tiegħu b'mod tali li jqiegħed fil-periklu l-ħlas tal-kreditu (Art. 1079 tal-Kap. 16);*

*Illi l-fatt waħdu li debitur jonqos li jħallas f'waqthom l-iskadenzi ta' ħlas b'rati li jkunu miftehma mal-kreditur biex jaqta' d-dejn tiegħu ma jwassalx għat-telfien tal-benefiċċju taż-żmien maħsub fil-liġi, sakemm ċirkostanza bħal dik ma tkunx iddaħħlet espressament fil-ftehim meta jkun ingħata ż-żmien għall-ħlas lid-debitur (Ara per eżempju P.A. 26.3.1957 fil-kawża fl-ismijiet Borg vs Vella Muscat (Kollez. Vol: XLI.ii.948). Min-naħa l-oħra, il-bdil fil-qagħda tad-debitur li jwassal għall-periklu li l-kreditu ma jitħallasx irid ikun aktar minn sempliċi frott ta' dubju, suspett jew tħassib dwar is-solvibilita` tad-debitur (P.A. PS 28.1.2004 fil-kawża fl-ismijiet J Grima & Sons Ltd vs Anton Agius). Min-naħa l-oħra, il-fatt waħdu li d-debitur ikun ressaq garanti biex jagħmel tajjeb għall-obbligazzjoni tiegħu ma jfissirx li l-kreditur ma jista' qatt imexxi għall-ħlas tal-obbligazzjoni jew li jserraħ moħħu fuq l-eżistenza tal-garanti. Għall-kuntrarju, in-nuqqas tal-kreditur li jmexxi b'għaqal il-pretensjonijiet tiegħu kontra d-debitur tista' twassal għall-konsegwenza li l-garanti jinħeles mir-rabta tiegħu jekk kemm-il darba ma jkunx jista' jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur bi ħtija ta' dan (Art. 1959 tal-Kap. 16);*

*Illi bħala prova, kien jaqa' fuq il-Bank li juri li seħħew il-ġrajjiet maħsuba fil-kuntratt li jwasslu għall-jedd tiegħu li jitlob minnufih il-ħlas tal-bilanċ, u kemm il-darba dan jiġi ppruvat, il-Qorti għandha tasal għall-fehma illi tilqa' t-talba attriċi (Bl-istess mod iħarsu lejn dan il-kunċett il-Qrati Ingliżi: "When the lender has such a right to terminate under the facility agreement, the courts will not readily interfere with the exercise of that right ... Moreover, an express term calling for repayment of an overdraft*

> *or loan on demand will be upheld by the courts, unless the facility agreement, when construed as a whole, shows the term to be repugnant to its main provisions". Ellinger, Lomnicka and Harre, Ellinger's Modern Banking Law, (5th Edit);".*

> *16. Fil-kuntratt ta' self in kwistjoni (a' fol 12) ġie dikjarat li "The Bank reserves itself the right to lay down such conditions as it considers necessary for the repayment of the loan over a period, which conditions shall be notified in writing to the borrower Company, subject to the overriding conditions that the outstanding balance of loan and interest shall be repayable on demand – a simple request in writing to be deemed good and sufficient notice for the borrower Company to implement its .....fortwith".*

> *17. Dan ifisser li l-Bank Attur seta' jagħżel li jitlob mingħand il-Konvenuti qua Soċjetà debitriċi u garanti solidali tagħha il-ħlas minnufih tal-bilanċ dovut malli skada t-terminu miftiehem. Il-Bank Attur Rik. madanakollu għoġbu jestendi t-terminu għal ben ħames darbiet u wara ħa ħsieb jinterpella diverżi drabi lill-Konvenuti permezz ta' ittri bonarji, ittra legali u sussegwentement ittra uffiċjali għar-rifużjoni tal-ammont (ara fatti senjalati supra). Minkejja dan il-Konvenuti baqgħu jippersistu fin-nuqqas tagħhom li jeffetwaw il-ħlas f'waqtu għal raġunijiet li jeżorbitaw mir-rabta kuntrattwali li huma daħlu fiha mal-Bank attur.*

> *18. Għaldaqstant ma hemmx dubju għal din il-Qorti li l-azzjoni mressqa mill-Bank Attur mhix intempestiva anzi tempestiva għall-aħħar u fit-termini tal-kuntratt ta' self li ġie ffirmat mal-Konvenuti. Ir-raġunijiet mogħtija mill-imħarrkin marbuta ma' din l-eċċezzjoni mhumiex tajba biexi żommu lill-Bank Attur milli jressaq it-talba tiegħu li jitħallas il-bilanċ kollu dovut. Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad din l-eċċezzjoni.*

27. Din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konsiderazzjonijiet tagħha. L-appellanti donnhom pretendew li ma jagħmlu qatt tajjeb għas-self li kienu ħadu, li ttieħed snin qabel il-ftuħ tal-kawża odjerna. *In oltre* jiġi osservat illi l-istess kuntratt ta' self kien għalaq u rappreżentanti tal-Bank appellat[23] bdew jitolbu illi tiġi provduta dik id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex jiġi mġedded l-istess kuntratt; ħaġa li l-appellanti jidher li ma għamlux.

---

[23] *Fol. 174*

28. Konsegwentement u meta wieħed jieħu dan kollu in konsiderazzjoni, inkluż il-komunikazzjoni u anke atti legali esebiti, din l-Qorti tqis illi l-azzjoni kienet altru minn intempestiva. Il-fatti jitkellmu waħidhom, is-soċjetà appellanta baqgħet ma ħallsitx id-dejn dovut minnha wara li ġiet interpellata diversi drabi, u wara li kien għalaq iż-żmien għal ħlas.

29. L-appellanti jagħmlu argumenti fuq il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni u l-fatt li l-bank huwa a *public liability company*. Dawn ma huma xejn ħlief argumenti fiergħa, speċjalment meta wieħed jikkunsidra illi l-kawża ma ġietx mibdija u anqas maqtugħa mil-lum għal għada u l-konvenuti baqgħu inadempjenti sal-ahhar.

30. Dan l-aggravju huwa miċħud.

*It-tielet aggravju*

31. Permezz **tat-tielet aggravju** l-appellanti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti akkordat ammont lill-Bank mingħajr ma vverifikat dan l-ammont minn terza persuna indipendenti bħal espert mqabbad mill-Qorti. Dan hu nuqqas kbir tant illi l-liġi tipprovdi għall-kontestazzjoni permezz ta' periti perizjuri. Jgħidu li l-prinċipju kardinali huwa li kulħadd huwa ugwali

quddiem il-liġi. Din fuq kollox hija l-essenza tar-*rule of law.* Jgħidu li dan għandu japplika bejn il-Bank appellat u l-konvenuti u li Bank ma jistax jaqbad jimponi kwalunkwe tariffa u jippretendi li l-klijent għandu b'mod servili jaċċetta dan. Jargumenta illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex toqgħod fuq *statement* unilaterali maħruġ mill-Bank.

32. Filwaqt li s-self imniżżel fil-kuntratt nutarili huwa prova fih innifsu u huwa prova sufficjenti, dan ma jistax jingħad għall-i*statement* tal-Bank appellat *stante* li ma jeżistix element ta' bilateralità. Jgħid illi l-i*statement* tal-Bank fih innifsu mhuwiex prova biżżejjed u għandu jiġi skartat għaliex l-allegat debitu ma ġiex pruvat. Jgħidu li t-talbiet tal-Bank appellat jaffetwaw id-dritt tal-proprjetà.

33. Il-Bank appellat wieġeb li tressqu diversi atti li jirriflettu dak miftiehem bejn il-partijiet u li r-rappreżentanti tal-bank taw ix-xhieda tagħhom fuq l-istess. Jisħaq li l-appellanti kellhom kull opportunità jressqu prova kuntrarja u qatt ma resqu xi espert *ex parte* biex jagħmlu dan.

34. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijet:

> *20. Il-Qorti issa sejra tqis f'daqqa l-eċċezzjonijiet numri 3, 4 u 6 li permezz tagħhom il-Konvenuti jeċċepixxu n-nullità tal-azzjoni għaliex is-somma, l-interessi u/jew ħlasijiet oħrajn pretiżi fir-rikors ġuramentat huma, eżaġerati u mhux ġustifikati.*
>
> *21. Il-Konvenuti jsostnu dawn l-eċċezzjonijiet billi jattakkaw b'mod partikolari r-rendikont maħruġ mill-Bank għal raġuni li dan ġie hekk*

*maħruġ u unilateralment u mhux bilateralment. Skont ir-rappreżentant legali tal-konvenuti, dokument ikun maħruġ bilateralment meta jiġi "ffirmat quddiem nutar pubbliku bil-kunsens u firem taż-żewġ naħat" (araf ol 223 u 224 para 7). Dejjem skont il-Konvenuti, l-fatt li l-istatement maħruġ mill-Bank ma fihx din il-bilateralità, "ma jistax ikun ikkunsidrat mill-Qorti bħala xi prova illi dak il-'quantum' ta' debitu pretiż mill-Bank hu ppruvat" (fol 224 para 8).*

*22. L-istatement iżda huwa fil-fatt frott ta' att bilaterali ta' self fis-sens tal-artikolu 961(1) tal-Kodiċi Ċivili u anke fis-sens tad-definizjoni mogħtija mir-rappreżentant legali tal-Konvenuti. Dan billi ġie ffirmat quddiem in-Nutar pubbliku Eugene Montanaro fl-10 ta' Jannar 1995 bil-kunsens u firem taż-żewġ naħat f'din il-kawża.*

*23. Għall-bank, l-istatement dettaljat li juri l-movimenti kollha tal-kont (ara fol 149), flimkien mal-korrispondenza skambjata (a' fol 57 sa 139) u l-elenku taċ-ċekkijiet li nħarġu (a' fol 140) jikkostitwixxu l-aħjar prova ta' l-ammont bilanċjali dovut għal dan is-self kif bilateralment kostitwit fit-termini tal-artikolu 559 tal-Kap. 12. Il-Konvenuti minn naħa tagħhom qed jallegaw li l-quantum ta' debitu pretiż mill-Bank huwa eċċessiv, eżaġerat u mhux ġustifikat. Ai termini ta' dak li jipprovdi l-artkolu 562 tal-Kap. 12, jaqa' fuq il-Konvenuti l-piż li jippruvaw din l-allegazzjoni (ara f'dan is-sens il-kawża kontra Cefai Estates Ltd et ġia ċitata supra fejn il-Qorti sostniet "Illi jaqa' fuq il-Bank il-piż li jipprova kemm kien il-bilanċ tassew lilu dovut, filwaqt illi l-imħarrkin jaqa' fuqhom il-piż illi jippruvaw l-allegazzjonijiet l-oħra li jagħmlu").*

*24. Sakemm ma jiġix dikjarat mod ieħor, il-Qorti għandha tqis din il-liġi proċedura li bħala mpernjata fuq ir-rule of law, prinċipju li tant saħqu fuqu l-Konvenuti fin-nota tagħhom. Il-Konvenuti huma għalhekk marbuta li jimxu ma' din il-liġi proċedurali preskritta fil-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta u Rik. Nru. 462/10TA 19 mhux jattakkaw l-istatement tal-Bank b'argumenti erratiċi bħal dawn li ma jsibu l-ebda fundament legali u wisq iżjed ġurisprudenzjali.*

*25. Il-Konvenuti lanqas ma jistgħu jsibu xi konfort f'li jattakkaw il-kuntratt ta' self, l-istatement jew kwalunkwe dokument ieħor esebit in atti mill-Bank Attur bħala leżivi ta' drittijiet ta' smiegħ xieraq jew ta' proprjetà kif sanċiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea. L-azzjoni odjerna la ġiet istitwita fuq il-proċedura kontemplata fl-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, la ġiet istitwita fuq il-proċedura skont l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, la hija proċedura skont l-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas ma hija mpernjata fuq ksur ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali. Huwa għalhekk inutili għall-Konvenuti li joqogħdu jattakkaw kostituzzjonalment u konvenzjonalment l-imsemmija atti preżentati mill-Bank.*

*26. Sakemm ma jiġix dikjarat leżiv tad-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali tal-proprjetà tal-Konvenuti, il-Qorti għandha tqis il-kuntratt bilaterali ta' self li l-Konvenuti għoġobhom jintrabtu bih bħala wieħed*

*konsan ma' dawn l-istess drittijiet. Li għandha tikkunsidra din il-Qorti, fil-Kompetenza Ċivili tagħha, hija l-kompatibbilità tal-kuntratt ta' self in kwistjoni mal-liġijiet sostantivi kif elaborati ġurisprudenzjalment u mhux il-kompattibilità tal-istess mal-liġijiet kostituzzjonali u konvenzjonali.*

*27. Il-Qorti għalhekk sejra tiskarta kwalunkwe kwistjoni konvenzjonali u kostituzzjonali li l-Konvenuti iddeċidew iqajmu unikament fi stadju tan-noti ta' sottomissjonijiet u sejra biss tqis dawk is-sottomissjonijiet safejn jolqtu l-Kompetenza Ċivili ta' din il-Qorti fid-dawl tal-azzjoni kif istitwita mill-Bank attur.*

*28. F'din l-azzjoni, il-Bank qed jirreklama debitu bilanċjali favur tiegħu fl-ammont ta' €14,836.84. Dan l-ammont jikkomprendi imgħax kalkolat sat-12 ta' April 2010 oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mit-13 ta' April 2010 sad-data tal-pagament effettiv.*

*29. Fin-nota tagħhom il-Konvenuti jissostanzjaw l-eċċezzjonijiet msemmija billi jissottomettu s-segwenti: 1. li l-Bank ibiddel ir-rati tal-imgħax "kif jiftillu" b'mod li ġieli qabeż ir-rata tat-tmienja fil-mija; 2. li l-Bank fees u l-legal fees huma wkoll eżaġerati; 3. li l-imgħax flimkien mal-ħlasijiet amministrattivi, bank charges, legal charges u/jew nomenklaturi simili flimkien jikkostitwixxu imgħaxxijiet ultra duplum.*

*30. Fir-raba' eċċezzjoni, il-Konvenuti jsostnu dawn l-eċċezzjonijiet anke fuq ir-raġuni li "tul dawn l-aħħar snin saru pagamenti lill-Bank b'mod kontinwu u diversi drabi b'mod massiv". Din ir-raġuni terġa' tfeġġ biss fir-rikors ippreżentat a' fol 272. Fih is-Soċjetà Gozo Caterers Limited temfażizza li "fil-mument li ġiet intavolata din il-kawża Gozo Caterers Limited kienet ħallset il-biċċa kbira tal-'loan' li kienet ħadet mingħand il-Bank attur". Tali sottomissjoni iżda saret in sostenn tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intempestività u mhux tal-eċċezzjonijiet fil-mertunumri 3, 4 u 6. Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda minn din il-Qorti aktar kmieni f'din is-Sentenza għal raġunijiet susenjalati.*

*31. Sa fejn din ir-raġuni kienet permezz tar-raba' eċċezzjoni intiża biex tissostanzja l-eċċezzjonijiet fil-mertu, jidher li l-istess ġiet skartata tant li ma tressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward u lanqas ma ġiet b'xi mod elaborata fin-nota ta' sottomissjonijiet. Min-naħa l-oħra l-Bank attur fl-ebda ħin ma kkontesta li s-soċjetà Konvenuta effettwat ħlasijiet lill-istess. Di fatti dawn il-pagamenti ġew kollha imniżżla fl-istatement tal-Bank preżentat in atti u debitament imnaqqsa mill-ammont bilanċjali dovut.*

*32. Din il-Qorti għalhekk se tiskarta din ir-raġuni u sejra tgħaddi biex tqis it-tlett sottomissjonijiet msemmija fin-nota tal-Konvenuti kif fuq elenkati*

35. L-artikolu 644 tal-Kodiċi ta' Organizzazzoni u Proċedura Ċivili jaqra:.*Il-prova bil-mezz ta' perit jew periti tiġi ordnata fuq talba tal-partijiet*

*jew ta' waħda minnhom, inkella mill-qorti minn jeddha.*

36. L-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda obbligu tappunta perit, u jekk l-appellanti li bħala parti jinkombi fuqhom li jressqu kull prova għad-difiża tagħhom setgħu, jekk ħassew il-ħtieġa. B'żieda jingħad ukoll li tali prova setgħet saret permezz ta' espert *ex parte* illi jiġi appuntat perit tekniku, f'dal-każ komputista. It-talba għan-nomina jew prova ta' espert *ex parte* hija mankati mill-proċess.

37. L-appellanti jagħmlu diversi argumenti fuq in-natura ta' prova mressqa mill-Bank appellant u li l-Ewwel Qorti kellha tittratta l-kuntratt bilaterali li sar bejn il-partijiet quddiem in-Nutar Montanaro u l-i*statement* b'mod differenti stante li l-i*statement* huwa dokumenti li unilateralment ġie prodott mill-bank.

38. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma jidher li qamet xi kwistjoni fuq l-interessi jew miżati mħallsa, ħlief meta l-Bank beda jinterpella b'mod persistenti lis-soċjetà appellanta tersaq għall-ħlas. Tqis li matul is-seduti intiżi għall-provi tal-appellanti, r-rappreżentanti tal-Bank xehedu kemm-il darba fuq il-kontentut tal-i*statement*.

39. Din il-Qorti tqis illi l-*istatement* preżentat mill-Bank appellat huwa dettaljat u ma tarax li għandha tiddubita l-kontenut tal-istess. **In oltre, u**

**għalkemm saru dawn l-argumenti ġeneriċi, l-appellanti xorta waħda naqsu milli speċifikament jindikaw ma xiex mhumiex qed jaqblu u anqas proponew x'ammont anqas jista' jkun dovut minnhom flok dak mitlub lilhom.**

40. Għall-darba oħra f'dan l-aggravju l-appellanti jerġgħu jinsistu li xtaqu jressqu aktar xhieda iżda ma ngħatawx ċans. Din il-Qorti ssostni li wara ħames seduti ta' mistoqsijiet fuq l-i*statement,* lill-tliet xhieda li ġew imressqa aktar minn darba, l-appellanti kellhom kull ċans isaqsu d-domandi neċessarji u jisiltu l-allegati nuqqasijiet fuq l-i*statement* li ġie preżentat.

41. L-appellanti jagħmlu diversi argumenti fuq ir-*Rule of Law, parity of arms* u d-dritt tal-proprjetà. Dawn ma huma xejn ħlief argumenti fiergħa biex igħattu n-nuqqasijiet tagħhom.

42. Dan l-aggravju huwa miċħud.

*Ir-raba' aggravju*

43. Permezz tar-**Raba' Aggravju** l-appellanti jilmentaw illi huma sfaw diskriminati. Jgħidu li indipendentament minn dan ir-rikors għandu jiġi investigat jekk il-bank mexiex b'mod korrett. Jisħqu illi l-Bank huwa

regolat mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u għandu obbligu li jimxi ma' kulħadd l-istess, aktar u aktar meta l-Bank huwa a *public liability company.* Jgħidu illi filwaqt li ma' terzi ma ħadu l-ebda azzjoni, fil-konfront tagħhom ħadu. Jisħqu illi anke l-Ewwel Qorti qieset li l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni kellha tiġi investigata u li kieku tħallew iressqu l-provi neċessarji dan kien jiġi pruvat.

44. Il-Bank appellat wieġeb illi dan l-argument huwa bla bażi u li bħala *public liability company* il-bank għandu d-dover mhux diskrezzjoni li jmexxi kontra d-debituri. Jisħaq li huwa rrelevanti jekk ħadux azzjoni kontra terzi u dan għaliex jekk attwalment jiġi pruvat li l-ammont huwa dovut allura dak l-ammont għandu jiġi mħallas.

45. Din il-Qorti rat dak ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti:

> *13. Dawn is-sottomissjonijiet marbuta ma aġir diskriminatorju tal-bank ġew diġa mistħarrġa fis-Sentenza Bank of Valletta p.l.c. vs Cefai Estates Limiteddatata 15 ta' Marzu 2018. Il-Konvenuta Amalia Cefai kienet f'din il-kawża konvenuta wkoll flimkien ma żewġha bħala garanti tas-Soċjetà Cefai Estates Limited. F'din is-sentenza li għadha sub judice, l-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef espremiet dan li ġej:*
>
> > *"Illi t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin hija marbuta ma' ilment dwar imġieba mhux korretta mill-Bank fil-konfront tagħhom. L-imħarrkin jixlu lill-Bank b'aġir diskriminatorju fil-konfront tagħhom u bi ħsara għalihom. Huma jallegaw li l-Bank mexa ħażin magħhom u ma żammx mal-prattika bankarja xierqa. Kif jispjega l-abbli avukat tal-imħarrkin, ix-xilja ta' aġir diskriminatorji tinqasam fuq żewġ binarji: l-ewwel, f'dak li jirrigwarda l-intempestivita` meta l-Bank fetaħ din il-kawża ħesrem u waqt li kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet, filwaqt li f'każijiet oħrajn il-Bank attur mexa b'mod differenti. It-tieni hija marbuta mal-kwestjoni tal-garanziji illi l-Bank kellu favur tiegħu. Il-Bank attur huwa mixli illi talab garanziji ogħla mill-valur li ġie misluf, meta ma' ħaddieħor ma mexiex b'dan il-mod;*

*Illi għal din l-eċċezzjoni, il-Bank attur jgħid illi ebda każ ma huwa bħall-ieħor, iżda jiċħad illi hu mexa b'mod differenti mal-imħarrkin. Jgħid ukoll illi l-imħarrkin ma ressqu ebda prova biex isaħħu x-xilja tagħhom, kif ukoll illi din il-kawża mhix ta' natura kostituzzjonali u għaldaqstant ma teżisti ebda bażi ġuridika;*

*Illi l-Qorti se tibda biex tistħarreġ l-aħħar punt imressaq mill-Bank attur. Il-fatt illi din il-Qorti mhix adita fil-kwalita' kostituzzjonali u li għaldaqstant l-ilment imressaq mhux wieħed ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, ma jfissirx illi m'għandhiex tistħarreġ xiljiet marbuta ma' mġiba diskriminatorja li tolqot il-mertu, u li taqa' fil-kompetenza ta' dik il-Qorti jew Tribunal (Ara f'dan il-kuntest Kost. 31.5.2000 fil-kawża fl-ismijiet Teddy Rapa vs Chairman, Awtorita` ta' l-Ippjanar et). Għaldaqstant din l-aħħar difiża mressqa mill-Bank attur ma tistax tintlaqa' biex waħedha tirribatti x-xilja tal-imħarrkin;*

*Illi biex ikun hemm lok għal diskriminazzjoni, jrid jintwera (minn min iressaq l-ilment) li żewġ persuni jew aktar f'qagħda simili ngħataw trattament differenti li, fil-każ ta' wieħed jew aktar minnhom, kienu agħar minn dak li ngħata lill-oħrajn. Min jallega d-diskriminazzjoni jrid juri wkoll li t-trattament differenti kien bla ġustifikazzjoni raġjonevoli u oġġettiva u fejn ma hemm xproporzjonalita` raġjonevoli bejn il-mezzi u l-għan intenzjonat (Kost. 31.5.1999 fil-kawża fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċju tal-Prim Ministru). Minbarra dan, biex isseħħ tassew id-diskriminazzjoni, ġeneralment jeħtieġ jintwera li t-"trattament agħar" ikun minnu nnifsu wieħed abbużiv jew bi ksur ta' xi jedd tal-persuna li tkun hekk imċaħħda. Fuq kollox, wieħed irid jagħraf bejn trattament li jiddiskrimina kontra persuna minn trattament li ma jagħtix privileġġ pretiż (Ara, per eżempju, P.A. GCD 26.3.2012 fil-kawża fl-ismijiet Maureen Scicluna vs Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta et (mhix appellata);*

*Illi mill-eżami tal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, ma nġabux fl-atti provi li juru li l-imħarrkin ingħataw mill-Bank attur trattament differenti jew agħar minn dak li jingħataw klijenti oħrajn. Fil-fatt "it-terzi" li hu tant meħtieġ li tinġieb prova fuqu l-anqas biss ġew identifikati mill-imħarrkin u x-xilja tagħhom baqgħet ankrata mal-ipotetiku. Kuntrarjament għal dak li ġie pretiż mill-imħarrkin, din il-prova mhux il-Bank attur kellu jressaqha billi jiżvela "statistiċi ta' debituri li għandhom pendenti ċerti ammonti miegħu u liema debituri ma ġewx attakkati mill-Bank b'azzjoni ġudizzjarja" (Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 388 tal-proċess), iżda l-imħarrkin li ressqu x-xilja jew ilment. Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-Qorti m'għandha xejn ma xiex tqabbel biex tasal għall-fehma li l-Bank Attur ddiskrimina kontra tagħhom kemm fir-rigward tal-allegata intempestivita` min-naħa tal-Bank, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma allegat talba eċċessiva ta' għoti ta' garanziji. Barra minnhekk, dak li qed jippretendu l-imħarrkin fil-fehma tal-Qorti ma jistax jitqies li jammonta għal jedd assolut li kellu jintlaqa' mill-Bank attur. Dan l-element nieqes, wieħed ma jistax jitkellem dwar diskriminazzjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti tħoss li jixraq tosserva li l-kundizzjonijiet li taħthom il-Bank mexxa 'l quddiem l-azzjoni tiegħu flimkien mal-garanzijii potekarji li l-imħarrkin taw meta ntalbu biex setgħet tinħareġ il-faċilità` bankarja, kienu kollha kundizzjonijiet li l-istess imħarrkin debituri u garanti solidali kienu qablu u aċċettaw huma stess;*

*Illi, għalhekk, safejn l-eċċezzjoni tal-imħarrkin tattribwixxi mġiba mhux xierqa jew diskriminatorja lill Bank, din ma tirriżultax u mhijiex sejra tintlaqa';".*

*14. Din il-Qorti tħoss li fil-Kawża li għandha quddiemha għandha tapplika l-istess prinċipji esposti Sentenza suċitata u għalhekk tikkonkludi bl-istess mod, li din id-diskriminazzjoni li minnha jilmentaw il-Konvenuti ma tirriżultax. Dan għaliex din il-Qorti ma għandhiex quddiemha ebda prova fejn turi li l-Konvenuti rċevew trattament differenti minn klijenti oħrajn tal-bank. Barra minnhekk, il-Konvenuti bħal donnhom jeżiġu mill-Bank l-approvazzjoni tagħhom sabiex jistitwixxi l-azzjoni odjerna. Din il-pretensjoni ma ssib ebda refuġju la legalment u wisq iżjed fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' self li huma għoġobhom jintrabtu bihom u l-Bank mexxa 'l quddiem din l-azzjoni abbażi ta' dawn il-kundizzjonijiet. Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad l-eċċezzjonijiet numri 5, 7 u 8 u l-eċċezzjoni preliminari tal-intempestività safejn din tattribwixxi mġieba mhux xierqa jew diskriminatorja lill-Bank. Di piu', pretensjonjiet ta' din ix-xorta għandhom jiġu kkunsidrati mill-Qrati b'ċertu ċirkospizzjoni u fil-konfini ċari ta' dak li tippermetti l-liġi biex jitqiesu bħala fondati, altrimenti il-prinċipji sagrosanti ta' pacta sunt servanda u li kif jiddisponi l-artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili, il-kuntratt bejn il-partijiet huwa liġi fih innifsu, jiġu ridotti fix-xejn.*

46. Fil-każ odjern il-kwistjoni prinċipali u unika bejn il-partijiet hija relatata ma' debitu, frott self li s-soċjetà appellanta ħadet mill-Bank rikorrenti. Xejn iżjed u xejn aktar. Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-appellanti għamlu minn kollox biex jittentaw jaħarbu mill-obbligi li kkuntrattaw għexieren ta' snin ilu. Infatti l-appellanti jerġgħu jirrepetu l-istess argument li ma kellhomx ċans iressqu l-provi neċessarji. Din il-Qorti esprimiet ruħha biżżejjed fuq dan u żżid biss li kuntrarjament għal dak meqjus mill-Ewwel Qorti, ma tqisx li kien hemm bżonn titressaq xi prova fir-rigward ta' kif il-bank appellant mexa fil-konfront ta' terzi sabiex tiġi pruvata jew innegata d-diskriminazzjoni u dan għaliex il-kawża odjerna ma għandha xejn x'taqsam ma' dan.

47. Din hija kawża sempliċi, l-partijiet għandhom relazzjoni privata, regolata bil-kuntratt ta' self, independenti minn kwalunkwe relazzjoni oħra li jista' għandu l-Bank ma' klijenti oħra tiegħu. L-appellanti ħadu self u ma ħallsuhx. Wara ħafna komunikazzjoni l-Bank ressaq din l-azzjoni għall-ħlas. L-appellanti ma resqux għall-ħlas. X'għamel il-bank ma' terzi fil-parametri ta' din l-azzjoni huwa rrelevanti.

48. Illi l-appellanti jirrepetu wkoll illi l-Bank appellat huwa a *public liability company* madankollu ma jitressaq l-ebda argument validu għaliex dan kellu jwaqqaf lill-istess Bank appellat milli jressaq dan l-aggravju. Anzi, u kif anke argumenta l-Bank stess, meta wieħed iqis li l-Bank huwa a *public liability company,* aktar u aktar għandu l-obbligu li jiġbor dawk il-flejjes dovuti u dan stante li Bank għandu responsbilitajiet bil-wisq aktar usa'.

49. Ma tqisx li dan l-aggravju għandu mis-sewwa u konsegwentement qiegħed jiġi miċħud.

*Il-ħames aggravju*

50. Illi permezz tal-**ħames aggravju** l-appellanti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti illi l-kontijiet maħruġa huma esaġerati. Jisħqu illi l-kundizzjonijiet nutarili tas-self donnhom jagħtu *carte*

*blanche* lill-bank biex jiċċarġja rati kemm irid hu *oltre* minn dak impost mill-liġi. Dan huwa kontra d-drittijiet tal-klijent u jmur kontra drittijiet tal-proprjetà kif sanċiti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Jgħidu illi tokkorri dejjem l-istess sitwazzjoni u ċioé li jew il-klijent jaċċetta dak li jiddetta l-bank inkella jiffaċja proċeduri ġudizzjarji. L-appellanti jagħmlu referenza għall-fatt li ma tħallewx iressqu provi u li l-Bank appellat ma ressaq l-ebda ħidma aritmetika sabiex tiġi ġġustifikata l-pożizzjoni tal-Bank kontra dak li saħqu l-appellanti.

51. Il-Bank appellat iwieġeb li l-appellanti dejjem kellhom l-għażla li ma jieħdux is-self u ma jaċċettawx il-faċilità li biha l-bank irriżerva d-dritt li jiddebita l-kont b'*bank charges* u jvarja r-rata ta' imgħaxijiet skont il-prassi bankjara. Jisħaq illi mix-xhieda ħareġ ċar li kwalunkwe tibdil fir-rata ta' imgħax ma sarx bla kontroll kif jallegaw l-appellanti iżda b'mod strutturat u in konformi mar-regoli u prassi bankarji.

52. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *33. Għal dak li jirrigwarda r-rati tal-imgħax, jirriżulta mill-ewwel sanction letter preżentata a' fol 199, li l-imgħaxxijiet bdew bir-rata ta' "3.5% over the Central Bank of Malta discount rate (currently 5.5% per annum) on daily debit balances". Mill-istess sanction letter jirriżulta wkoll li l-imgħax kien jiġi kkapitalizzat kull sitt xhur, preċiżament "at the end of March and September of each year". Dan ifisser li l-imgħaxijiet ma kienux maħduma bħala mgħax sempliċi imma bħala imgħax kompost, jew fi kliem ieħor, imgħax fuq imgħax skont kif jipprovdi l-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili. Dan huwa kkonfermat minn Philip Saliba fil-kontro-eżami tiegħu meta qal li l-imgħax kien "ikun ikkapitalizzat u jinħadem fuq il-kapital kollu" (a' fol 218 u 219). Mix-xhieda ta' Mark Gauci, il-Qorti tifhem li din ir-rata ta' mgħax kompost ta' 3.5% żdiedet ma kull estensjoni li saret. Din iż-żieda ġiet notifikata lill-Konvenuti permezz tas-sanction letters (ara f'dan is-sens ix-*

*xhieda ta' Mark Gauci a' fol 211 u 214). Il-Konvenuti għoġobhom ma jippreżentawx is-sanction letters minn fejn setgħa jkun magħruf ir-rati li fuqhom il-bank ikkalkula l-imgħax kompost. Konsegwenza ta' dan in-nuqqas, il-Qorti ma hijiex f'qagħda li tqis l-allegazzjoni tal-Konvenuti li r-rati ta' mgħax ġew kalkolati b'rati ogħla mir-rata permessa mill-liġi ta' tmienja fil-mija. (**emfażi miżjuda)***

*34. Madanakollu ġie rilevat fis-sentenza Bank of Valletta p.l.c. vs Cefai Estates Ltd ċitata supra "illi huwa meqjus li f'każijiet bħal dan ma tgħoddx ir-regola li tinstab fl-artikoli 986(2) tal-Kodiċi Ċivili għal dak li jirrigwardaw it-tħaddim tar-regoli dwar l-ogħla rati applikabbli ta' mgħax fuq self (Ara AvviżLegali 142/2009 u 107/2003, art. 5. Ara wkoll App. Ċiv. 6.12.2002 fil-kawżafl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs. Anna's Trading Company Limited u Raymond u Rosaria miżżewġin Falzon). Huwa minnu wkoll li llum il-Kodiċi Ċivili nnifsu, f'dak li jirrigwarda l-Obbligazzjonijiet in Ġenerali (Titolu IV tat-TieniKtieb) u l-kuntratt ta' Mutwu (Titolu XVII tat-Tieni Ktieb) jidher li qiegħed jerħi mill-qawwa tar-rabta ta' regoli ċivili wkoll dwar it-tħaddim tal-imgħaxijiet (Ara at. 1855A tal-Kap. 16). Hemm ukoll l-aspett tan-natura kummerċjali li l-faċilità` mertu ta' dan il-każi ġġib magħha u r-regoli bankarji li jidħlu magħha;"*

*35. Din il-Qorti tqis ukoll opportun li tiċċita in extenso is-sentenza HSBC Bank Malta p.l.c. vs Anthony Aquilina et datata 27 ta' Ottubru 2017 fejn il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ikkunsidrat dan li ġej:*

> *"Illi l-eċċezzjoni ewlenija tal-konvenuti hija li l-Bank atturi impona imgħax eċċessiv bi ksur tal-artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula li l-imgħax ma jistax jaqbeż it-8% fis-sena, u għalhekk jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, ż-żejjed jinqata' mill-kapital a tenur tal-artikolu1852(3) tal-Kodiċi Ċivili.*
> *Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jsemmu kif ir-regola prinċipali għar-rigward tal-imgħaxijiet hija dik sanċita fl-artikolu 1852 tal-Kap.16 ... ...*

*Illi b'eċċezzjoni għall-prinċipji ġenerali stabbiliti bl-imsemmi artikolu, l-artikolu 1855A tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdi li:*

> *"Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jkunu jordnaw il-kondizzjonijiet li taħthom dawk id-djun u obbligazzjonijiet li jiġu hekk imsemmija f'dawk ir-regolamenti jistgħu jiġu eżentati minn xi dispożizzjoni tat-Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet bħal ma huwa jista' jistabbilixxi f'dawk ir-regolamenti, u li jkunu iktar minnhekk jirregolaw il-ħlas ta' mgħax, il-ħdim ta' mgħax kompost f'kull aspett tiegħu u l-ogħla somma ta' mgħax li jista' jiġi mħallas."*

*Il-konvenuti jsostnu li applikabbli għaż-żmien li fih sar is-self mertu tal-kawża kienet l-Interest Rate (Financial Transactions) Order 2005 (Avviż Legali 323 tat-2005) billi l-imgħax allegatament eċċessiv ġie impost mill-Bank konvenut fis-snin 2007 u 2008. Għalhekk l-Interest Rate*

*(Exemption) Regulations (Avviż Legali 142 tat-2009) ma japplikawx għas-self mertu ta' din il-kawża għax dawnir-regolamenti daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Marzu, 2009.*

*Illi huwa minnu li l-istanzi msemmija fir-regolamenti ċċitati mill-konvenuti ma japplikawx għal self minn bank lokali bħal dak mertu ta' din il-kawża. Il-Bank Attur jgħid iżda, li fiż-żmien rilevanti kien hemm dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi li jawtorizzawh jimponi rata ta' imgħax ogħla minn tmienja fil-mija fis-sena, u ċjoè l-artikolu 33 tal-Att dwaril-Bank Ċentrali ta' Malta, li kien ġie mħassar fl-2013 bis-saħħatal-Att XIII tal-2013, li kien jiddisponi hekk:*

> *"Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistgħu jistabbilixxu r-rata ta' imgħax li titħallas fuq depoziti miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' imgħax li huma jistgħu jżommu fuq self, avvanzi u kull facilità ta' kreditu oħra kif ukoll il-ħruġ ta' debentures jew debenture stocks jew strumenti oħra li joħolqu jew li jirrikonoxxu debitu".*

*Waqt it-trattazzjoni bil-fomm il-konvenut irribattew li dan l-artikolu ma jawtorizzax l-impożizzjoni ta' rati ta' imgħax ogħla mill-massimu permess mill-artikolu 1582 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu għandu jiġi rilevat illi l-leġiżlatur neħħa kull dubju li seta' jqum fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi, billi pprovda espressament li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu kienu japplikaw minkejja kull projbizzjoni li seta' jkun hemm fi kwalunkwe liġi oħra, inkluż għalhekk l-artikolu 1582 tal-Kodiċi Ċivili."*

*36. Din il-Qorti għalhekk tqis, illi l-liġi hija ċara u m'għandha bżonn tal-ebda interpretazzjoni. Wara kollox huwa evidenti l-iskop tal-leġiżlatur x'kien, li permezz tal-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jeħles il-kummerċ bankarju mill-irbit restrittiv tal-Kodiċi Ċivili u dan fl-interess tal-ekonomija tal-pajjiż billi jpoġġi lill-istituzzjonijiet finanzjarji Maltin fl-istess pożizzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji barranin f'dinja globalizzata u dan indipendentement minn jekk wieħed jaqbilx mal-filosofija li spingiet lid-dinja f'din id-direzzjoni.*

*37. Din il-Qorti kif diversament preseduta fi żmien meta kien fis-seħħ l-imsemmi artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, ikkonfermat f'iktar minn okkażjoni waħda li:*

> *"Inoltre, l-artikolu 33 tal-Attdwaril-Bank Ċentrali ta' Malta jippermetti biss imgħax ogħla mit-8%, iżda ma jippermettix kalkolu ta' imgħax differenti minn dak kontemplat fil-Kodiċi Ċivili".(Bank of Valletta p.l.c. vs. Charles Muscat P.A. (TM) 06.05.2004.)*
>
> *"Rigward l-ewwel kontestazzjoni tal-intimat li l-imghax impost ta' 8.5% hu kontra l-liġi, jirriżulta invece li skont l-artikolu 1852(4) tal-Kap. 16 b'riferenza għall-artikolu 33 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap.204) il-bank seta' jiċċargja imgħax ogħla mir-rata ta' 8%."(APS Bank Limited vs. Joseph Agius P.A. (GV) 30.01.2008.). Għalhekk fid-dawl ta' dak ritenut fis-Sentenzi ċitati, din il-Qorti sejra tiċħad din il-*

*kontestazzjoni kif mqajma mill-Konvenuti billi joħroġ evidenti li ma kien hemm xejn illegali minn naħa tal-bank attur f'każ li għolla r-rata tal-imgħax għal iktar minn 8%.*

*38. Il-Konvenuti jikkontendu wkoll li l-Bank fees u l-legal fees li fil-kuntratt intrabtu li jħallsu lil bank (ara kuntratt ta' self a' fol 15), huma bl-istess mod eżaġerati. Ma ġiet iżda preżentata l-ebda prova tanġibbli li tissostanzja din is-sottomissjoni. L-istess hija għalhekk insostenibbli. (emfażi miżjuda)*

53. L-appellanti jagħmlu ħafna argumenti fuq kif l-appellanti kienu mistennija jbaxxu rashom għal dak li jrid il-Bank appellat. Madankollu, fil-każ odjern, il-fatt jibqa' li s-soċjetà appellanta riedet tagħmel negozju, li din il-Qorti tifhem riedet tagħmlu biss sabiex eventwalment tiġġenera profitt, u kellha bżonn il-kapital li sselfet mingħand il-Bank rikorrent sabiex tagħmel dan. Is-self akkwistatu abbażi ta' kuntratt nutarili bit-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu. Madankollu, wara snin sħaħ u l-intavolar tal-azzjoni preżenti, l-appellanti jibqgħu jaħarbu mill-obbligi kuntrattwali tagħhom billi jagħmlu allegazzjoni fuq oħra, li kif osservat ukoll l-Ewwel Qorti, baqgħu mhux sostanzjati.

54. Din il-Qorti tqis li jekk l-appellanti kellhom eżempji ċari ta' kif il-Bank appellat ma mexiex mal-kuntratt ta' self bejn il-partijiet messhom indirizzawhom speċifikament minflok intilfu jgħaddu kummenti soċjo-ekonomiċi b'referenza għall-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. *In oltre* u minflok l-appellanti jippretendu li għaliex huma ma qablux ma' dak mitlub mill-Bank appellat allura kellu jkun il-Bank appellat li jipprova jibqa' jikkonvinċi lill-appellanti għaliex l-ammonti huma dovuti. Argument li jmur

kontra kull loġika tal-proċedura ċivili li l-effett odjuż tiegħu jkun biss li fejn ma jintlaħaq qatt qbil id-dejn qatt ma jkun dovut, anke jekk id-debitur huwa skorrett.

55. Din il-Qorti ma tqisx li dan l-aggravju huwa mistħoqq u qiegħed jiġi miċħud.

*Is-sitt aggravju*

56. Fir-rigward tas-**sitt aggravju** l-konvenuti jgħidu illi jista' jagħti l-każ li ma ġiex rispettat il-prinċipju tal-*ultra duplum* illi din il-Qorti għandha tiżgura illi kwalunkwe ammont dovut jiġi ridott sabiex jiġi rispettat il-prinċipju tal-*ultra duplum.* Jisħqu li dan il-prinċipju għandu jinkludi fih mhux biss il-kapital, u imgħaxijiet, imma wkoll il-*bank charges, legal charges* u *charges* amministrattivi u kull ħaġa oħra simili. Jisħqu li kieku l-Bank appellat evita li jieħu din it-triq kien jiġi evitat li jiġi miksur il-prinċipju tal-*ultra duplum.* Jitolbu lil din il-Qorti tirriduċi kwalunkwe ammont li jista' eventwalment ikun dovut sabiex jiġi rispettat l-istess prinċipju.

57. Il-Bank appellat jisħaq illi abbażi tal-prinċipju li min jallega jrid jipprova, l-appellanti misshom ressqu prova in sostenn tal-allegazzjoni li l-Bank esponenti appellat evada l-prinċipju tal-*ultra duplum*, liema argument ma ġiex pruvat.

58. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*39. Din il-Qorti sejra tqis issa l-kwistjoni l-oħra mqajma mill-Konvenuti li l-imgħax flimkien mal-ħlasijiet amministrattivi, bank charges, legal charges u/jew nomenklaturi simili flimkien jikkostitwixxu imgħaxijiet ultra duplum. Din ir-regola tal-ultra duplum tfisser li l-imgħax ma jistax jaqbeż u jiżboq il-kapital u hija applikabbli biss għall-kuntratt ta' mutwu bħal ma huwa l-każ odjern (ara Bank of Valletta p.l.c. vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et, Qorti tal-Appell, 30 ta' Ottubru 2015). Għaldaqstant, id-dovut mill-Konvenuti riżultat tal-kuntratt in kwistjoni jintlaqat bir-regola tal-ultra duplum.*

*40. Iżda dan id-dejn hekk milqut ma jikkonsistix biss fil-bilanċ tas-self oriġinali ta' tletin elf lira Maltin. Dan għaliex l-imgħax kien jiġi kkapitalizzat u għalhekk kien jiġi "assimilat mal-kapital" (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kontra Carmelo Farrugia Melfar Limited et gia ċitata supra). Ir-regola tal-ultra duplum għalhekk għandha tolqot il-kapital il-ġdid li jikkonsisti fil-bilanċ tas-somma oriġinali magħduda l-interessi kapitalizzati. Skont il-prospett maħruġ mill-bank bħala Dok B (a' fol 18) kif jirriżulta wkoll mill-istatement a' fol 154, dan jikkonsisti fl-ammont ta' €14,785.09. Għalkemm dan l-ammont jinkludi fih l-ispejjeż amministrattivi, legali u anke tal-bank (ara l-istatement a fol 51 jew 149), huwa paċifiku jingħad li l-interessi ta' €51.75 kif ikkalkolati sat-12 ta' April 2010 żgur ma jeċċedux l-istess. Dan anke li kieku l-ispejjeż imsemmija kellhom jiġu mnaqqsa. Għaldaqstant lanqas din il-parti tad-difiża tal-Konvenut imsejsa fuq il-kunċett tal-ultra duplum ma hi sostenibbli. Il-Qorti għalhekk sejra tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet numri 3, 4 u 6.*

59. Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs Gozo Caterers Limited et,** deċiża nhar id-9 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti qalet:

*11. Ir-regola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-Lex 27 Cod. de usuris — li tgħid illi l-imgħax mhux imħallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital — u fin-Novelli 121 u 138 — li jgħidu li l-imgħax kollu, ukoll dak ġà mħallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital. Għalkemm il-lex de usuris hija parti mid-dritt Malti, in-Novelli 121 u 138 ma kinux inkorporati ; dan ifisser illi jkun hemm imgħax ultra duplum bi ksur tal-liġi mhux meta l-imgħaxijiet – kemm dawk ġà mħallsa u kemm dawk magħluqa iżda mhux imħallsa – jeċċedu l-kapital, iżda meta l-imgħaxijiet attwalment dovuti jaqbżu l-bilanċ tal-kapital attwalment dovut. L-imgħaxijiet mitluba mill-attriċi – €36,717.17 – ma jaqbżux il-bilanċ tal- kapital misluf – €47,765.08 – u għalhekk il-kwistjoni tal-ultra duplum ma tqumx.*

60. Din il-Qorti hija tal-fehma li r-regola tal-*ultra duplum* ma tapplikax għaċ-*charges* imposti mill-bank iżda għall-imgħaxijiet li jiddekorru fuq il-kapital. Konsegwentement fil-każ odjern, huwa wara li jitnaqqsu l-*bank charges* li jrid żgurat li l-prinċipju tal-*ultra duplum* jiġi jew ġie rispettat. Hu ritenut li l-istess *bank charges* ma għandhomx jiġu miżjuda mal-imgħaxijiet dovuti sabiex jiġi determinat jekk il-prinċipju tal-*ultra duplum* ġiex miksur.

61. Din hi prova li ma tistax tfittixha l-Qorti iżda għandu jkun id-debitur li juri kif u safejn dan il-prinċipju ġie miksur. Id-debitur ma għamel xejn minn dan iżda stieden lill-Qorti tirrevedih hi. Din mhix il-mod kif titmexxa kawza. Billi l-appellanti ma sostnux dan l-aggravju bl-ebda mod, qed jiġi miċħud.

*Is-seba' aggravju*

62. Permezz tas-**seba' aggravju** l-konvenuti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma tatx qies biżżejjed għas-sigurtà illi kellu l-istess Bank favurih u li *nonostante* din is-sigurtà l-bank xorta waħda mar jiġri jiftaħ din il-kawża.

63. Il-Bank appellat iwieġeb billi jisħaq li mhux minnu li l-Bank qabad u ressaq din l-azzjoni kif turi l-korrispondenza esebita. L-appellanti donnhom stennew li għaliex kien hemm biżżejjed assi, skont l-appellanti,

sabiex jagħmlu tajjeb għad-dejn, allura l-Bank missu ma preżentax din il-kawża. Jisħaq illi b'dan l-argument il-Bank qatt ma jista' jeżiġi ħlas. Il-Bank jeżiġi l-ipoteki għaliex huwa għaqli li jiġi kkawtelat id-debitu iżda l-Bank ma jeżerċitax kummerċ fi proprjetà immobiljari. Jgħid li jekk l-appellanti dehrilhom li l-entità tal-proprjetà mitluba in kawtela tal-ħlas kienet esaġerata misshom m'aċċettawx li jiffirmaw il-kuntratt.

64. Il-Qorti ma tifhimx fejn l-appellanti riedu jaslu b'dan l-aggravju. Madankollu jekk dan l-aggravju huwa attentat sabiex ma jiġi ordnat li jsir l-ebda ħlas, bl-iskuża illi hemm il-garanzija f'postha, din il-Qorti tqis illi l-iskop tal-garanzija mhuwiex li d-debitur jaħrab mill-obbligi tiegħu u jħalli pendenti d-dejn dovut minnu iżda li l-kreditur ikollu ħwejjeġ f'idu li jista' jutilizża f'każ li ma jkunx jista' jirkupra flusu lura. L-appellanti mill-ġdid iressqu aggravju li bih donnhom jargumentaw li l-Bank appellat qisu ma kellux dritt iressaq din il-kawża sabiex jirkupra flusu lura. Dan l-aggravju huwa miċħud.

*It-tmien aggravju*

65. Permezz tat-**tmien aggravju** l-appellanti jilmentaw illi l-garanti kellha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju peress li l-garanzija mogħtija mis-soċjetà appellanta kienet biżżejjed fil-valur tagħha tant li tissupera l-ammont pretiż mill-bank.

66. Il-Bank appellant jisħaq illi dan l-argument ma jreġġix għaliex il-garanzija ngħatat *in solidum* u li ma tressqet l-ebda prova fir-rigward ta' dan l-argument. Il-Bank saħaq ukoll illi sabiex jiġi stabbilit il-valur ta' proprjetà wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi nkluż is-suq lokali u jekk jeżistux ipoteki oħra.

67. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *19. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti. B'din l-eċċezzjoni l-Qorti tifhem li l-Konvenuti donnhom iridu jivventilaw il-benefiċċju ta' l-eskussjoni skont l-artikolu 1934 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 1935 (b) tal-Kodiċi Ċivili iżda jipprekludi l-Konvenuta Amalia Cefai qua garanti solidali ta' Gozo Caterers Limited, milli tinvoka għaliha dan id-dritt. Dan l-artikolu jistipula li l-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx meta l-garanti jkunu obbligaw ruħhom in solidum mad-debitur hekk kif għamlet il-Konvenuta f'dan il-każ. Dan ifisser li, kif jistipula espressament l-artikolu 1096 tal-Kap. 16, hu mħolli fid-diskrezzjoni assoluta tal-Bank Attur, qua kreditur ta' Gozo Caterers Limited, li jipproċedi kontra l-garanti solidali, inkluż għalhekk il-konvenuta, personalment. Dan għaliex, fit-termini tal-artikolu 1935(b) tal-Kap. 16, il-garanti solidali huma fl-istess pożizzjoni tad-debitur u għalhekk m' għandhomx dritt iressqu l-eċċezzjoni tal-benefiċċju ta' l-eskussjoni (ara Bank of Valletta p.l.c vs Wilclaud Company Limited et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 3 ta' Ottubru 2003). Dan ifisser, li ai termini tal-artikoli appena ċitati, l-Bank għandu d-dritt jiddeċiedi li jdur fuq il-Konvenuta, hi x'inhi din id-deċiżjoni. Illi għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni ma hija mistħoqqa u mhix ser tintlaqa'.*

68. Il-Qorti tqis li jekk l-appellanti riedu li l-garanti tiġi meħlusha mill-obbligi tagħha, dan kellhom jindirizzawh mal-Bank, kif kellhom kull opportunità li jagħmlu. *Oltre* minn hekk, l-appellanti ma jistgħux jippretendu illi din il-Qorti, minn jeddha, tista' teħles lill-garanti u dan meta l-garanti hija responsabbli *in solidum* mas-soċjetà appellanta skont l-iskrittura li saret bejn il-partijiet u liema skrittura għadha viġenti.

69. Konsegwentement dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

70. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-konvenuti *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim'Imħallef | Robert. G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss